TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/239/11/S

Albert Mark Sammut u Helenia Sammut

Vs

Noel Gauci eżerċenti l-kummerċ bħala Gava Interiors

Illum 2 ta' Frar, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Albert Mark Sammut u Helenia konjugi Sammut ippreżentata fil-25 ta' Mejju, 2011 u r-risposta tal-intimat Noel Gauci eżerċenti l-kummerċ bħala Gava Interiors datata 16 t'Ottubru, 2011 u 17 ta' Jannar, 2012;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fid-19 ta'Jannar, 2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'solar water heater' li inxtara fis-sena 2006 u li skont ir-rikorrenti beda' johroġ is-sadid minnu wara biss ftit ġimgħat li inxtara;

Illi jingħad mal-ewwel li r-ritratti ppreżentati jikkonfermaw dak allegat mir-rikorrenti;

Illi jirriżulta wkoll li l-garanzija mogħtija (Dok A15) hija valida għal 60 xahar u 300 xahar għall-'istainless steel';

Illi jingħad ukoll li r-rikorrenti ħallew ftit taż-żmien jgħaddi biex ippreżentaw formalment l-ilment tagħhom għalkemm Albert Mark Sammut xehed li għamel diversi ilmenti fuq l-istess prodott;

Illi fir-rigward tal-ilment in kwistjoni, tapplika l-garanzija mogħtija;

Illi għandu wkoll jittieħed in kunsiderazzjoni it-trapass taż-żmien minn mindu inxtara is-'solar water heater';

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba tar-rikorrenti Albert Mark u Helenia konjuġi Sammut u Jordna lill-intimat Noel Gauci ezerċenti l-kummerċ bħala Gava Interiors inaddaf u jisboħ il-'frame' u t-'tank' tas-'solar water heater' mis-sadid mingħajr ħlas daparti tar-rikorrenti konjuġi Sammut, b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TEL.(+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888